# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 t' April, 2019.**

**Rikors Numru 231/2017**

**L-Avukat Dr Joseph Camilleri (384279M) bhala mandatarju specjali ta' *Genesis PFC*, socjeta` estera registrata l-*Mauritius* bin-numru 134001C1/GBL f'isimha proprju u ghan-nom ta' i. *AMB Capital Ireland Limited*; ii. *Jamrae Capital Corp*; iii. *Refucan Limited*; iv. *Warren Friedland*; v. *Mondo Investments and Finance Ltd.*; vi. *Evan Gregory Hoff*; vii. *Andrew James Reader*; viii. *Shane Thompson*; u ix. *Bellerive Capital (BCP) 13 Limited*; ("*Genesis Consortium*") u Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited* ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs.**

***Grupo Pefaco SL* socjeta` estera registrata fi Spanja, bin-numru B-61785408**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat il-15 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti u l-individwi u l-entitajiet li tirrapprezenta hi proprjetarja t'ishma fis-socjeta` *Pefaco International PLC* registrata Malta, Numru C – 65718, *tramite* Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited*, (C – 13729), li zzomm l-imsemmija ishma f'isimhom;

1.2. Illi permezz ta' konvenju datat iz-19 ta' Gunju, 2016, is-socjeta` intimata obbligat ruhha li sal-15 ta' Frar, 2017, takkwista l-ishma fuq riferiti deskritti fl-istess rikors promotur, (ara foll 13);

1.3. Illi tramiet addenda ghall-konvenju fuq riferit, is-socjeta` Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited* assumiet id-drittijiet u l-obbligi kif hemm specifikat, (ara foll 39 u 46);

1.4. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata biex taddivjeni ghall-hlas tal-*exit price* u l-akkwist tal-ishma mizmuma mill-istess socjeta` rikorrenti u l-*Genesis Con*sortium *f'Pefaco International PLC* tal-pattijiet u kundizzjonijiet mifthema fil-konvenju fuq citat, (ara foll 62);

1.5. Illi minkejja li obbligata, s-socjeta` intimata naqset taddivjeni ghall-hlas tal-*exit price* u l-akkwist fuq riferit, kemm qabel kif ukoll wara l-15 ta' Frar, 2017;

1.6. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi marbuta tixtri u takkwista l-ishma mizmuma mis-socjeta` rikorrenti u l-*Genesis Consortium f'Pefaco International PLC* (tramite n-*nominee company* Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited*), bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet pattwiti fil-

konvenju fuq citat taz-19 t'Ottubru, 2016, kif emendat;

1.6.2. Tordna lis-socjeta` intimata biex taddivjeni ghax-xiri tal-ishma *de quo* bil-pattijiet u kundizzjonijiet pattwiti fosthom li s-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited* kif fuq indikat;

1.6.3. Tawtorizza lil Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited* biex jekk tircievi l-*exit price* minn *Grupo Pefaco SL*, tesegwixxi l-*off market trade* tal-ishma mizmuma mill-istess socjeta` rikorrenti u l-*Genesis Consortium* f'*Pefaco International PLC* kontemporanjament mar-rilaxx tal-fondi lil *Genesis PFC* f'isimha proprju u ghan-nom tal-*Genesis Consortium*;

1.6.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat kontra s-socjeta`intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 73);

3.0. Rat il-verbal datat it-18 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti irrileva li s-socjeta` intimata, (ara foll 94):

3.1. Giet debitament notifikata skont il-ligi;

3.2. Ma intavolatx risposta, u

3.3. Qeghda ghalhekk fi stat ta' kontumacja;

4. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti, awtorizzat lill-istess biex jittratta l-kaz fil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 180);

5. Rat ukoll l-istess digriet taghha datat l-14 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata kontumaci, awtorizzat lill-istess biex

tipprezenta sottomissjonijiet skritti sad-data hemm indikata, (ara foll 180), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 190);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti datata l-24 ta' Mejju, 2018, (ara foll 184), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata kontumaci datata l-20 ta' Lulju, 2018, (ara foll 191);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti ezebiti;

9. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti jittrattaw il-kaz;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1 Illi s-socjeta` rikorrenti *Genesis PFC* u l-individwi u entitajiet li tirrapprezenta li jiffurmaw il-*Genesis Consortium* huma proprjetarji ta' ishma fis-socjeta` *Pefaco International PLC*, u dan, tramite *nominee company* Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited* li zzomm l-imsemmija ishma f'isimhom;

10.2. Illi s-socjeta` rikorrenti *Genesis PFC*, f'isimha u ghan-nom tal-*Genesis Consortium*, waslet ghall-ftehim mas-socjeta` intimata *Grupo Pefaco SL* datat iz-19 t'Ottubru, 2016, (ara foll 13), kif sussegwentement emendat, (ara foll 41 u foll 48);

10.3. Illi permezz tal-istess is-socjeta` intimata obbligat ruhha li sal-15 ta' Frar, 2017, takkwista l-ishma mizmuma mis-socjeta` rikorrenti u mill-*Genesis Consortium* fis-socjeta` *Pefaco International PLC* tramite Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited,* fil-vesti taghha ta' *Escrow Agent* skont il-prezz pattwit;

10.4. Illi *ai termini* tal-artiklu 5 tal-ftehim fuq riferit, il-partijiet ftehmu li l-obbligu ta' bejgh u xiri tal-ishma kellu jigi

regolat bil-ligi Maltija ghall-konvenji, senjatament l-artiklu 1357 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem, Kap 16), (ara foll 22);

10.5. Illi s-socjeta` intimata giet debitament interpellata tramite ittra ufficjali datata t-13 ta' Frar, 2017, biex taddivjeni ghall-hlas u ghax-xiri tal-imsemmija ishma, (ara foll 62);

10.6. Illi s-socjeta` intimata baqghet fi stat ta' kontumacja ghalkemm issottomettiet il-posizzjoni skritta taghha biex tiddefendi ruhha kontra t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 191);

Ikkunsidrat:

11. Illi in vista tal-premess, essenzjalment din hi azzjoni a bazi tal-artiklu 1357 tal-Kap 16;

12. Illi l-artiklu msemmi fil-paragrafu precedenti jistipula s-segwenti:

> "1. Il-weghda ta' bejgh ta' haga bi prezz determinat, jew bi prezz li ghandu jigi stabbilit minn persuna wahda jew izjed bhalma jinghad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgh; izda, jekk tigi accettata, ggib, f'dak li weighed, l-obbligu li jaghmel il-bejgh, jew, jekk il-bejgh ma jkunx jista' izjed isir, l-obbligu li jhallas id-danni lill-accettant;
>
> "2. L-effett ta' din il-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghalhekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bhal dak, meta jghaddu tliet xhur minn dakinhar li l-bejgh ikun jista' jsir, kemm -il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li weighed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm -il darba, fil-kaz li dak li weighed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'rikors guramentat sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien;
>
> "3. Konvenju ghall-bejgh jew xiri ta' bastimenti u ingenji tal-ajru, inkluza magna ta' ingenju tal-ajru, jissejjah b'liema isem jissejjah, ghandu jkun regolat bid-

dispozizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim bejn il-bejjiegh u x-xerrej skont it-termini tieghu kif ukoll skont l-uzanzi tal-kummerc internazzjonali applikabbli fil-kuntest. Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika f'dawk il-kazijiet u:

a. l-effett ta' tali konvenju jispicca meta l-istess konvenju jiskadi jew fl-eventwalita` li jsehhu dawk ic-cirkostanzi maqbula bejn il-partijiet; u

b. kwalunkwe notifika li jkollha tinghata mill-partijiet tista' tinghata bil-miktub b'kull mod li jkun, inkluz permezz ta' mezzi elettronici";

Ikkunsidrat:

13. Illi s-socjeta` intimata tirrileva li l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hi **intempestiva**, (ara foll 194);

14. Illi f'dan ir-rigward l-istess socjeta` intimata tissottometti li skont il-klawsola numru 5.3.3.1. tal-ftehim, (ara foll 24 u foll 195), kellu jghaddi perjodu ta' 90 gurnata wara l-hekk imsejha "*Long Stop Date*", senjatament il-15 ta' Frar, 2017, u konsegwentement l-ittra ufficjali lilha indirizzata datata t-13 ta' Frar, 2017, (ara foll 62), kienet prematura;

15. Illi ssir referenza ghall-klawsola numru 5.3.3. tal-ftehim in dizamina li tistabbilixxi s-segwenti, (ara foll 23):

"*Genesis may elect, by notice in writing delivered to GPSL prior to the earlier of (i) the date on which the full Exit Price is reflecting for value in the Escrow Account and (ii) the 90th day after the Long Stop Date ...*";

16. Illi skont l-istess ftehim il-*Long Stop Date de quo* kienet il-15 ta' Frar, 2017, (ara foll 63);

17. Illi skont l-imsemmi ftehim is-socjeta` rikorrenti kellha d-dritt li taghzel x'taghmel fil-konfront tal-intimata "... *prior ... to the 90th day after the Long Stop Date*", (ara foll 23);

18. Illi in vista tal-premess allura jirrizulta pacifiku li r-rikors promotur, li gie ipprezentat fil-15 ta' Marzu, 2017, (ara foll 1),

gie pprezentat korrettement *stante* li din id-data tal-procedura in dizamina hi "*prior to*" – u allura "qabel" id-90 jum wara l-15 ta' Frar, 2017;

19. Illi jirrizulta wkoll pacifiku li l-ittra interpellatorja datata t-13 ta' Frar, 2017, (ara foll 62), hi irrilevanti ghaliex l-azzjoni in dizamina giet intavolata skont it-termini pattwiti – qabel id-90 gurnata "... *after the Long Stop Date*" hemm specifikata;

20. Illi ghalhekk il-procedura in dizamina tirrizulta li giet intrapriza b'mod korrett u konsegwentement, mhix intempestiva kif allegat mis-socjeta` intimata kontumaci;

Ikkunsidrat:

21. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat li s-socjeta` intimata sewwa ssottomettiet li ghalkemm baqghet fi stat ta' kontumacja, dan mhux ekwivalenti ghall-ammissjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti *nomine*, (ara foll 192);

22. Illi in effetti hu pacifiku li l-istat ta' kontumacja ghandu xorta wahda jigi interpretat bhala opposizzjoni;

Ikkunsidrat:

23. Illi fir-rigward tal-artiklu 1357 TAL-Kap 16 fuq citat, (ara paragrafu numru tnax (12) aktar qabel, jirrizulta pacifiku li parti involuta iggieghel lill-ohra biex twettaq il-weghda taghha u li biex jaghmel dan irid isegwi l-procedura gudizzjarja hemm specifikatament sottolineata;

24.0. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti segwiet din il-procedura u l-formalitajiet hemm kontemplati billi:

24.1. Ipprezentaw att gudizzjarju biex is-socjeta` intimata tersaq ghat-trasferiment finali, u sussegwentement;

24.2. Ipprezentaw il-procedura odjerna prezentement in dizamina;

Ikkunsidrat:

25. Illi s-socjeta` rikorrenti tissottometti li l-fatt li t-trasferiment hawn mitlub ghadu ma sehhx hu esklussivament imputabbli lis-socjeta` intimata li naqset li tiddepozita l-prezz pattwit mal-"*Escrow Agent*" Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited*;

26. Illi jigi sottolineat li minn ezami tal-atti u tas-sottomissjonijiet skritti pprezentati mis-socjeta` intimata, ma tirrizulta l-ebda raguni ghaliex din ma setghetx tersaq ghall-bejgh finali;

27. Illi fil-paragrafu 7 tas-sottomissjonijiet taghha s-socjeta` intimata tissottometti li l-konvenju de quo hu marbut ma' prezz eccessiv li ma jikkorrispondix mal-valur tal-ishma fis-suq, (ara foll 192);

28. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument dan jista' jkun minnu, pero` xorta wahda din mhix raguni valida ghalfejn is-socjeta` intimata ma tonorax l-obbligi li dahhlet ghalihom fil-konvenju *de quo;*

29. Illi *di piu`* ghalkemm l-istess socjeta` intimata ssosstni wkoll li s-socjetajiet rikorrenti qeghdin jitolbu x-xoljiment u l-istralc tal-istess socjeta` (ara foll 192), ghandu jigi hawn ribadit li ghall-fini tal-proceduri odjerni, tali procedura hi irrilevanti;

30. Illi jigi sottolineat li s-socjeta` intimata obbligat ruhha li sal-*Long-Stop Date*, (il-15 ta' Frar, 2017), hi kellha takkwista l-ishma mizmuma mis-socjeta` rikorrenti billi thallas lis-socjeta` Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited* – l-*Eskrow Agent* – l-*exit price* miftiehem fil-konvenju fuq riferit;

31. Illi *di piu`*, minn ezami tar-rizultanzi *in atti* is-socjeta` intimata ma taghti l-ebda raguni ghaliex ma ottemporatx ruhha mal-obbligi minnha assunti fl-imsemmi konvenju;

32. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li s-socjeta` intimata hi fi stat ta' inadempjenza tal-obbligi minnha hekk assunti fil-konvenju *de quo*;

Ikkunsidrat:

33. Illi l-principju li hawn ghandu ghalhekk jigi sottolineat bi kjarezza hu l-principju li "***pacta sunt servanda***";

34. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Is-Socjeta` Kummercjali *Malta International Airport p.l.c.* vs. Chev. Joseph M. Scicluna *et nomine et***, datata d-**9 t'Ottubru, 2003** li irriteniet is-segwenti:

> "Il-principju ***pacta sunt servanda*** hu wiehed applikat rigorosament mill-qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skont il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat";

35. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Mario Vella *et* vs. Malta *Industrial Parks Limited nomine***, datata t-**30 ta' Settembru, 2014**, il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** sostniet f'dan ir-rigward dak indirizzat mill-Professur V. Caruana Galizia li ssottolinea fin-noti tieghu li:

> "*Contract is therefore law for the parties, and just as a law may derogate another law, so may a contract, which may be considered as private law, derogate ordinary law: 'dispositio hominis tollit dispositionem legis'. The contracting parties may by their agreement, i.e. by the contractual rule established by them, derogate the legal rule, both by substituting another rule or by not substituting anything; and they may do so as long as the prohibition of the law, or public policy or morality is not an obstacle*";

36. Illi *di piu`* fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***36 Gaming Limited (C – 44305) vs. Panavik Gaming Limited***, datata s-**27 ta' Gunju, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili** sosstniet li allura:

> "Hu ben risaput li abbazi tal-massima legali *pacta sunt servanda*, hu principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti illi l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat billi hu ligi bejn il-partijiet u kwindi hi dik il-volonta` tal-kontraenti li ghandha tipprevali u tigi osservata";

Ikkunsidrat:

37.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement tistabbilixxi li x-xiri tal-ishma mertu tal-procedura odjerna ghandu jsir bil-pattijiet u kundizzjonijiet mifthema bejn il-partijiet fil-konvenju in dizamina fuq riferit u ghalhekk:

**DECIDE:**

37.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*;

37.2. Tirrespingi s-sottomissjonijiet skritti tas-socjeta` intimata;

37.3. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi marbuta tixtri l-ishma mizmuma mis-socjeta` rikorrenti u l-*Genesis Consortium* f'*Pefaco International PLC* kif deskritt fl-istess talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

37.4. Tordna lis-socjeta` intimata biex taddivjeni ghax-xiri tal-ishma *de quo* kif deskritt ukoll fl-istess talbiet rikorrenti *nomine*;

37.5. Tawtorizza lis-socjeta` Calamatta Cuschieri *Investment Services Limited* biex tipprocedi kif deskritt ukoll fl-istess talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

37.6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors promotur mill-15 ta' Frar, 2017, sad-data tal-pubblikazzjoni tal-att finali.

________________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**